MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 1/1998/1

Kummissarju ta’ l-Artijiet

vs

B.D. Ltd, u Zoqdi Developers Limited

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta’ l-Art ipprezentat fis-7 ta’ Jannar, 1998 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b’avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-Fgura tal-kejl ta’ 300 metri kwadri li tmiss mil-Lvant ma’ Triq San Gwann, mill-Punent in parti ma’ Sqaq Gallu u in parti ma’ proprjeta’ ta’ Francesca Zerafa u minn Nofs-in-Nhar ma’ proprjeta’ ohra ta’ Francesca Zerafa huwa ta’ hdax-il elf u tlett mitt lira Maltin (Lm11, 300) kif jidher mir-rapport tal-perit Frederick H Valentino A&C.E.

tal-20 ta’ Gunju, 1997 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-20 ta’ Awissu, 1997 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ seba’ u tletin elf u hames mitt lira Maltin (Lm37,500.00)

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)
Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fejn esponew:

Illi l-kumpens mitlub mill-esponenti huwa wiehed gust stante li aktar jikkumbacja mal-prezz li ghandu jithallas lill-esponenti skond il-ligi.

Ra li l-intimati gew notifikati skond il-ligi.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti li kklassikaw l-art bhala fabbrikabbli u li l-kumpens dovut bhala disa’ u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000).

Jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jghaddulu f’idejh b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka bicca art fil-Fgura tal-kejl ta’ 300 metri kwadri li tmiss mil-Lvant ma’

Triq San Gwann, mill-Punent in parti ma' Sqaq Gallu u in parti ma' proprjeta' ta' Francesca Zerafa u minn Nofs-in-Nhar ma' proprjeta' ohra ta' Francesca Zerafa bil-kumpens ta' disa' u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000).

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar it-3 ta' Gunju, 2005 fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lid-Dottoressa Lydia Zerafa biex tidher ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord a tenur ta' l-Artikolu 31 kif emendat. Ir-rapport tal-periti jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------